MALTA

ATT Nru. XXVI ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (Kap. 70).

ACT No. XXVI of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Public Lotto Ordinance (Cap. 70).

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

21 ta' Ottubru, 1988

ATT Nru. XXVI ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku (Kap. 70).

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Kap. 70.

Emenda ta' l-artikolu 11 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 11 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Taxxa li għandha titħallas.

(2) It-taxxa li ġejja għandha titħallas u tinġabar mid-Direttur tal-Lottu Pubbliku f'isem il-Gvern ta' Malta:

(i) dwar kull biljett mibjugħ jew maħruġ sabiex issir kull tombla pubblika permessa skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jiġifieri:

Meta l-ħlas dwar kull biljett (minbarra l-ammont tat-taxxa):

ma jkunx iżjed minn ċenteżmu u ħames milleżmi	ħames milleżmi
ikun iżjed minn ċenteżmu u ħames milleżmi iżda mhux iżjed minn tliet ċenteżmi	ċenteżmu

ikun iżjed minn tliet ċenteżmi iżda mhux iżjed minn sitt ċenteżmi	ċenteżmu u ħames milleżmi
ikun iżjed minn sitt ċenteżmi	żewġ ċenteżmi għal kull sitt ċenteżmi jew parti minnhom;

(ii) dwar kull lotterija pubblika taxxa li tkun daqs ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur, stabbilit għas-sodisfazzjon tad-Direttur, tal-premju jew premjijiet offerti;

Iżda d-Direttur tal-Lottu Pubbliku jista' jeħles mill-ħlas tat-taxxa hawn fuq imsemmija f'kull każ għalih meta xi lotterija jew tombla pubblika ssir u titmexxa minn soċjetà, istitut jew persuna privata u l-qligħ nett minnha jkun għal għan reliġjuż approvat mill-Awtoritajiet Ekklesjastiċi lokali kompetenti, jew għal għan ta' karità, jew għall-promozzjoni tal-moviment tal-*Boy Scouts* jew tal-*Girl Guides* jew għall-għajnuna tal-belle arti, jew għal xi għan ieħor li jkun approvat bil-miktub mill-Ministru responsabbli għall-finanzi."; u

(b) .fil-proviso għas-subartikolu (4) il-kliem "u l-anqas li jitħallsu ġugati" u l-kliem minn "u wara l-ħlas bil-quddiem" sal-kliem "fl-ebda każ ma jista' jingħata lura" għandhom jitħassru.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 143 tas-17 ta' Ottubru, 1988.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati